MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tat-13 ta' Dicembru, 2011

Numru. 1374/2011

**Il-Pulizija**

**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**Raymond Attard**

**Illum 13 ta' Dicembru 2011**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Raymond Attard** ta' 20 sena, iben John u Salvina *nee*' Galea, imwieled Pieta nhar il-25 ta' Novembru 1991, detentur tal-karta tal-identita numru 594391(M) u residenti gewwa Fl 11, Triq Tursin il-Bir, Block A, Bieb B, Santa Lucija, u nakkuzah;

Talli f' dawn il-gzejjer, nhar it-13 ta' Dicembru 2011 ghal habta tal-hamsa neqsin kwart ta' fil-ghodu (04:45 a.m) fi Triq San Gorg, San Giljan u gewwa l-Ghassa San Giljan u/jew fil-vicinanzi:-

1. Attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew hebb kontra PC 790 Nathan Zerafa u PC 918 Clayton Azzopardi persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita kompetenti.

2. Nakkuzah aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' PC 790 Nathan Zerafa u PC 918 Clayton Azzopardi persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti.

3. Nakkuzah aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuni ta' PC 790 Nathan Zerafa u PC 918 Clayton Azzopardi persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qeghdin jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-sevizz, jew bil-hsieb li jbezzahom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

4. Nakkuzah aktar talli fl-istess data, lok hin u cirkostanzi volontarjament kisser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b' ghajjat u glied.

5. Nakkuzah aktar talli fl-istess data, lok hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita jew ta' min ikun inkarigat minn servizz pubbliku jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt li jkunu ghamlu d-dmirijiet taghhom.

Rat l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront ta' l-akkuzat;

Semghet l-appologija formali ta' l-akkuzat;

Semghet l-ammissjoni bikrija ta' l-akkuzat ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu;

Semghet it-trattazzjoni tal-prosekuzzjoni u tad-difiza dwar il-piena;

Rat l-artikoli 22 u 24 tal-Kap 446;

Invista ta’ l-ammissjoni ta’ l-akkuzat, il-Qorti qed issib lill-akkuzat hati u filwaqt li timmultah Amenda komplessiva ta’ mitt ewro (€100) ghar-raba’ (4) u l-hames (5) akkuzi, issibu hati wkoll fuq l-ewwel (1), it-tieni (2) u t-tielet (3) akkuzi u bis-sahha ta’ l-artikolu 22 tal-Kap 446, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmel l-ebda reat iehor fi zmien sentejn (2) millum u tohrog ordni ta’ probation li qed jigi ffirmat mill-akkuzat illum stess.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------